

Brussell, 12 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10531/26

DELECT 99
DENLEG 64
VETER 95
FOOD 83

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 3876 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'12.6.2026 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 fir-rigward tar-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-ħalib, ċerti prodotti tas-sajd u l-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 3876 final.

Mehmuż: C(2026) 3876 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.6.2026
C(2026) 3876 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'12.6.2026

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 fir-rigward tar-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-ħalib, ċerti prodotti tas-sajd u l-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi r-regoli għat-tweqqig tal-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li l-kunsinni tal-annimali u l-oġġetti minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti għad-dħul tagħhom fl-Unjoni.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625, fost l-oħrajn, fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-annimali li jipproduċu l-ikel u ta' ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem soġġetti għar-rekwiżiti għall-inklużjoni tal-pajjiżi terzi jew tar-reġjun tagħhom jew tal-istabbiliment f'lista u l-ħruġ ta' ċertifikati uffiċjali, u l-kundizzjonijiet speċifiċi għad-dħul fl-Unjoni tal-kunsinni ta' dawk l-annimali u ta' dawk l-oġġetti.

Abbażi tal-esperjenza miksuba sa issa, huwa neċessarju li jiġu emendati diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292. L-emendi għandhom l-għan li:

- (a) jintroduċu għadd ta' kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda jew intestaturi tas-Sistema Armonizzata (kodiċijiet NM/SA) fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292.
- (b) jintroduċu għadd ta' kodiċijiet tan-NM/SA fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292.
- (c) jindikaw fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 li l-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati huma esklużi mill-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 12, ħlief għall-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar imrobbija ħajjin, imkessħin, iffriżati jew ipproċessati mrobbija f'bini fuq l-art.
- (d) jintroduċu għadd ta' kodiċijiet NM/SA fl-Artikolu 13 u 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292, biex jiġi indikat li tali dħul fl-Unjoni għandu jkun permess biss jekk dawk il-kunsinni jintbagħtu minn stabbilimenti f'pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom elenkati għal dak l-għan, u jinkisbu jew jiġu ppreparati fihom.
- (e) jintroduċu għadd ta' kodiċijiet NM/SA fl-Artikolu 21 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292, biex jiġi indikat li l-kunsinni ta' dawk il-prodotti jridu jkunu akkumpanjati miċ-ċertifikat uffiċjali rilevanti.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

L-esperti tal-Istati Membri ġew ikkonsultati fil-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar l-Iġjene tal-Ikel u l-Kontroll tal-Ikel ta' Oriġini mill-Annimali¹, li ltaqgħu biex jiddiskutu s-suġġetti kkonċernati fit-18 ta' Diċembru 2025.

Pajjiżi terzi ġew infurmati b'notifika lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fil-qafas tal-Ftehim dwar l-Applikazzjoni tal-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji.

¹ Ir-referenza E03522 fir-Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni u entitajiet oħra simili.

Fl-aħħar nett, qabel ma adottat dan ir-Regolament Delegat, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa u trasparenti f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet².

Peress li r-Regolament Delegat qed jipprovdi konsistenza mar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li jirrikjedi li l-operaturi tan-negozji tal-ikel jiżguraw li l-importazzjoni tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali sseħħ biss mill-pajjiżi elenkati u bil-ħsieb li jippermettu d-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali b'volumi kummerċjali limitati, ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Il-bażi legali għar-Regolament Delegat hija l-Artikolu 126(1) tar-Regolament (UE) 2017/625.

² ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'12.6.2026

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 fir-rigward tar-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-ħalib, ċerti prodotti tas-sajd u l-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali)¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi r-regoli għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-verifika tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam, fost l-oħrajn, tal-ikel u tas-sikurezza tal-ikel imsemmi fl-Artikolu 1(2), il-punt (a), tiegħu. L-Artikolu 126 ta' dak ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati li jstabbilixxu l-kundizzjonijiet għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali u oġġetti, u jipprevedi li daww il-kundizzjonijiet iridu jidentifikaw l-annimali u l-oġġetti billi jirreferu għall-kodiċijiet tagħhom min-Nomenklatura Magħquda.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292² jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 fir-rigward tar-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni tal-kunsinni tal-annimali li jipproduċu l-ikel u ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem sabiex jiżgura li jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti mir-regoli

¹ ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj>.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 tas-6 ta' Settembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali li jipproduċu l-ikel u ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 304, 24.11.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/2292/oj).

msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2017/625 jew mar-rekwiżiti rikonoxxuti li tal-inqas huma ekwivalenti għalihom.

- (3) Fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni huma stabbiliti rekwiżiti stretti ta' iġjene għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali. Barra minn hekk, l-Artikolu 6(1), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jirrikjedi li l-operaturi tan-negozji tal-ikel li jimportaw prodotti ta' oriġini mill-annimali minn pajjiżi terzi jiżguraw li l-importazzjoni ssir biss jekk il-pajjiż terz ikun qiegħed fil-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom huma permessi l-importazzjonijiet ta' dawk il-prodotti. L-Artikolu 3, il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 jispeċifika l-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda jew l-intestaturi tas-Sistema Armonizzata (kodiċijiet NM/SA) ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali li huma permessi jidħlu fl-Unjoni biss minn pajjiż terz jew mir-reġjun tiegħu inkluż fil-lista għal dawk il-prodotti ta' oriġini mill-annimali. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti bil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u biex tkun żgurata l-konsistenza bejn l-Artikolu 6(1), il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u l-Artikolu 3, il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292, jenħtieġ li l-kodiċijiet NM/SA ta' xi prodotti ta' oriġini mill-annimali, li kienu għadhom ma ġewx inklużi fl-Artikolu 3, il-punt (b) ta' dak ir-Regolament Delegat, jiġifieri dawk li jikkonċernaw il-preparati tal-ikel abbażi ta' ċerti prodotti tal-ħalib u prodotti tas-sajd, jiġu inklużi f'dik id-dispożizzjoni.
- (4) L-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 jidentifika l-annimali u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali li għalihom huma applikabbli rekwiżiti addizzjonali għad-dħul fl-Unjoni fir-rigward tas-sustanzi farmakoloġikament attivi u r-residwi tagħhom, il-kontaminanti u r-residwi tal-pestiċidi, f'konformità mal-Artikoli 6 sa 12 ta' dak ir-Regolament Delegat. Ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE⁴, fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010⁵ u fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, imsemmija fl-Artikoli 9 sa 12 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292, japplikaw għall-prodotti tal-ħalib u għall-prodotti tas-sajd, inklużi dawk li l-kodiċijiet NM/SA tagħhom ma ġewx inklużi fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292. Għalhekk, il-kodiċijiet NM/SA ta' dawn il-prodotti jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament Delegat.
- (5) L-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 jidentifika l-annimali u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali li għalihom huma applikabbli rekwiżiti addizzjonali għad-dħul fl-Unjoni fir-rigward tas-sustanzi farmakoloġikament attivi u r-residwi tagħhom, il-kontaminanti u r-residwi tal-pestiċidi. Il-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-

³ Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2004/853/oj>).

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta' April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tyrostatika u ta' beta-agonists u li tħassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1996/22/oj>).

⁵ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li ġejjin mill-annimali (ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg/2010/37\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/reg/2010/37(1)/oj)).

⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj>).

tunikati u l-gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati u pproċessati huma inklużi fit-Tieni Parti, il-Kapitolu 3, tal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87⁷. Madankollu, il-produzzjoni u l-ġbir tal-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar normalment iseħħu fl-ambjent naturali. Fil-każ tal-produzzjoni tal-akkwakultura, għall-kuntrarju ta' speċijiet oħra, ma jingħatawx għalf jew sustanzi oħra, ħlief meta din il-produzzjoni ssir f'postijiet fuq l-art. Għal din ir-raġuni, pjan ta' kontroll għas-sustanzi farmakoloġikament attivi u r-residwi tagħhom, għall-kontaminanti u għar-residwi tal-pestiċidi huwa ġġustifikat biss għall-produzzjoni fuq l-art. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 jinkludi l-lista tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li huma esklużi mir-rekwiżiti addizzjonali għad-dħul fl-Unjoni fir-rigward tas-sustanzi farmakoloġikament attivi u r-residwi tagħhom, il-kontaminanti u r-residwi tal-pestiċidi. Għalhekk, il-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati u pproċessati, ħlief meta l-produzzjoni ssir f'bini fuq l-art, jenħtieġ li jiżdedu ma' dik il-lista.

- (6) It-Taqsima VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tistabbilixxi r-regoli tal-iġjene speċifiċi għall-prodotti tas-sajd. It-Taqsima IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tistabbilixxi r-regoli tal-iġjene speċifiċi għall-prodotti tal-ħalib. Barra minn hekk, l-Artikolu 6(1), il-punt (b)(i), tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jirrikjedi li l-operaturi tan-negozji tal-ikel li jimportaw prodotti ta' oriġini mill-annimali minn pajjiżi terzi jiżguraw li l-importazzjoni ssir biss jekk l-istabbiliment li minnu jkunu ntbagħtu l-prodotti, u li fih inkisbu jew ġew preparati, ikun qiegħed fil-lista ta' stabbilimenti li minnhom l-importazzjonijiet ta' dawk il-prodotti huma permessi, meta applikabbli. L-Artikolu 13(1), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 jipprevedi li l-kunsinni ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali, li r-rekwiżiti għalihom huma stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, u li l-kodiċijiet NM/SA tagħhom huma elenkati f'dak l-Artikolu, jistgħu jidħlu fl-Unjoni biss meta jintbagħtu minn stabbilimenti li jidhru fil-listi mfassla u miżmuma aġġornati f'konformità mal-Artikolu 127(3), il-punti (e)(ii) u (iii), tar-Regolament (UE) 2017/625, u jinkisbu jew jiġu ppreparati fihom. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fit-Taqsimiet VIII u IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u għal raġunijiet ta' konsistenza, jenħtieġ li l-kodiċijiet NM/SA li jikkonċernaw il-preparati tal-ikel abbażi ta' ċerti prodotti tal-ħalib u prodotti tas-sajd, li għadhom ma ġewx inklużi fl-Artikolu 13(1), il-punt (a), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292, jiġu inklużi f'dik id-dispożizzjoni.
- (7) L-Artikolu 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 jipprevedi li l-kunsinni tal-prodotti tas-sajd, li l-kodiċijiet NM/SA tagħhom huma elenkati f'dak l-Artikolu, jithallem jidħlu fl-Unjoni biss meta jkunu nkisbu jew ġew ippreparati, fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni tagħhom, fi stabbiliment fuq l-art, fabrika jew bastiment friża jew mażżuna f'mażżen kiesaħ jew bastiment reefer li jidher f'lista mfassla u aġġornata f'konformità mal-Artikolu 127(3), il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2017/625 u ppubblikata mill-Kummissjoni. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fit-Taqsima VIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u għal raġunijiet ta' konsistenza, jenħtieġ li l-kodiċijiet NM/SA li jikkonċernaw il-preparati tal-ikel abbażi tal-prodotti tas-sajd, li għadhom ma ġewx inklużi fl-Artikolu 18 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292, jiġu inklużi f'dik id-dispożizzjoni.

⁷ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1987/2658/oj>).

- (8) L-Artikolu 6(1), il-punt (d), tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 jirrikjedi li l-operaturi tan-negozji tal-ikel li jimportaw il-prodotti ta' orìgini mill-annimali minn pajjiżi terzi jiżguraw li l-importazzjoni ssir biss jekk daww il-prodotti jkunu akkumpanjati minn ċertifikati u dokumenti, meta applikabbli. L-Artikolu 21(1), il-punt (b)(ii), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 jispeċifika l-kodiċijiet NM/SA tal-prodotti ta' orìgini mill-annimali li huma permessi jidħlu fl-Unjoni biss meta daww il-prodotti jkunu akkumpanjati minn ċertifikat uffċjali. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fit-Taqsimiet VIII u IX tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u għal raġunijiet ta' konsistenza, jenħtieġ li l-kodiċijiet NM/SA li jikkonċernaw il-preparati tal-ikel abbażi tal-prodotti tal-ħalib u l-prodotti tas-sajd, li għadhom ma ġewx inklużi fl-Artikolu 21(1), il-punt (b)(ii), tar-Regolament Delegat (UE) 2022/2292, jiġu inklużi f'dik id-dispożizzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 3, il-punt (b)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(ii) l-intestaturi tas-Sistema Armonizzata (“intestaturi SA”) 0901, 1301, 1702, 1806, 1901, 2103, 2105, 2106, 2301, 3001, 3002, 3203, 3204, 3302, 3501, 3502, 3503, 3504, 3507, 3823, 3824, 3913, 3926, 4101, 4102, 4103 jew 9602 u l-kodiċijiet NM 2202 99 u 3917 10 10;”;
- (2) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:
 - (a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) prodotti ta' orìgini mill-annimali, li għalihom ġew stabbiliti kodiċijiet NM fit-Tieni Parti, il-Kapitoli 2 sa 5, 15 u 16, tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, u li għalihom ġew stabbiliti subintestaturi tas-Sistema Armonizzata (“subintestaturi SA”) taħt l-intestaturi SA 0901, 1901, 2103, 2105, 3501, 3502 u 3504;”;
 - (b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:
 - (i) ir-raba' inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

“- il-prodotti tas-sajd minn qbid selvaġġ, insetti, żringġijiet, saqajn taż-żringġijiet, bebbux, rettili u laħam tar-rettili, kif ukoll”;
 - (ii) jiżdied il-ħames inċiż li ġej:

“- il-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar ħajjin, imkessħin, iffriżati u pproċessati, ħlif għall-molluski bivalvi, l-ekinodermi, it-tunikati u l-gasteropodi tal-baħar imrobbija ħajjin, imkessħin, iffriżati jew iprocessati, imrobbija f'bini fuq l-art.”;
- (3) fl-Artikolu 13(1), il-punt (a)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(ii) is-subintestaturi SA taħt l-intestaturi 1702, 1806, 1901, 2103, 2105, 2106, 2301, 2932, 3001, 3002, 3501, 3502, 3503, 3504, 4101, 4102 jew 4103, u l-kodiċijiet NM 2202 99 u 3917 10 10;”;
- (4) L-Artikolu 18 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 18

Rekwiżiti speċjali għall-prodotti tas-sajd

Il-kunsinni tal-prodotti tas-sajd li għalihom ġew stabbiliti l-kodiċijiet NM taħt l-intestaturi 0301, 0302, 0303, 0304, 0305, 0306, 0307, 0308, 0309, 1504, 1516, 1517, 1603, 1604, 1605, 2103 jew 2106 fit-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, għandhom jidħlu fl-Unjoni biex jitqiegħdu fis-suq biss jekk ikunu nkisbu jew ġew ippreparati, fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni tagħhom, fi stabbiliment fuq l-art, fabbrika jew bastiment friża jew maħżuna f'maħżen kiesaħ jew bastiment reefer li jidhru f'lista mfassla u aġġornata f'konformità mal-Artikolu 127(3), il-punt (e) tar-Regolament (UE) 2017/625 u ppubblikata mill-Kummissjoni.”;

(5) fl-Artikolu 21(1), il-punt (b)(ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(ii) l-intestaturi SA 0901, 1702, 1806, 1901, 2103, 2105, 2106, 2301, 3001, 3002, 3302, 3501, 3502, 3503, 3504, 3507, 3913, 3926, 4101, 4102, 4103 jew 9602, u l-kodiċijiet NM 2202 99 u 3917 10 10;”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12.6.2026

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN